MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tas-6 ta' Jannar, 2012

Appell Kriminali Numru. 507/2010

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Raymond Spiteri**

Il-Qorti,

Rat l-akkuża dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali talli fit-22 ta’ Novembru, 2007 fil-11.45 a.m. ġo Café` Oasis, The Strand, Sliema

1. naqas li jipprojbixxi li jsir tipjip fil-fond Café` Oasis, The Strand, Sliema li kien miftuħ għall-pubbliku;

2. naqas li jadotta miżuri sabiex jiżgura li t-tipjip isir biss fil-kmamar imsemmija li jista` jsir tipjip.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali tad-9 ta’ Novembru, 2010, li biha ma sabitx lill-appellat ħati skont l-akkuża u lliberatu.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Ġenerali minnu ppreżentat fid-29 ta’ Novembru, 2010, li bih talab li din il-Qorti jogħġobha tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok issib lil Raymond Spiteri ħati skont l-akkuzi, u konsegwentement tinfliġġi fil-konfront tiegħu l-piena idonea skont il-liġi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant fil-qosor, huwa s-segwenti u cioe':-

Illi l-ewwel Qorti għamlet enunċjazzjoni manifestament żbaljata tal-liġi meta lliberat lil Raymond Spiteri fuq il-premessa li :

*“mill-fatti miġjuba a konjizzjoni ta’ din il-Qorti, din il-qorti tagħraf li part-time waiter fi stabbiliment ta’ ċertu entita` ma jistax jitqies bħala “responsible person” f’negozju ta’ l-ikel fejn dejjem ikun hemm preżenti xi ħadd li jkollu l-fiduċja tas-sid, li s-soltu jkun xi impjegat f’”managerial level” jew almenu l-persuna li tkun fdata mis-sid tal-post biex tieħu ħsieb il-cash”.*

L-Avukat Ġenerali ssottometta li mhux kkontestat li kien qed isir tipjip fir-restorant imsemmi, li l-appellat huwa impjegat bħala part time waiter mal-Cafe’ Oasis u li kien qed jaqdi l-klijenti. Id-difiża kienet argumentat li part time waiter mhux ‘persuna resposnabbli’ ai termini tal-Liġi.

Skont l-Avviż Legali 414/2004:

‘persuna legali’ tfisser kull persuna illi hija fl-aħħar mill-aħħar responsabbli għal xi stabbiliment li dwar u japplikaw

dawn ir-regolamenti u għandha tinkludi kull persuna li tkun qed taġixxi f'ismu u lil kulll prinċipal.'

Skont l-Avukat Ġenerali, l-appellat fil-kwalita' tiegħu ta' part time waiter kien qed jaġixxi f'isem il-persuna li 'fl-aħħar mill-aħħar hija responsabbli' għall-istabbiliment. Bħala impjegat kien qed jaġixxi f'isem il-priċnċipal. Għalhekk kellu jara li ma jsirx tipjip. Ħafna drabi l-propjetarju tal-istabbiliment ma jkunx preżenti waqt ix-xogħol u allura huam l-impjegati li jridu jiżguraw li ma tinkisirx il-liġi waqt it-turn tax-xogħol tagħhom.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Mill-provi miġburin jirriżulta li fil-jum imsemmi l-appellat kien impjegat part time (fol 25) bejn id-19 ta' Novembru 2007 u l-31 ta' Diċembru 2007. Id-direttur huwa ċertu Paul Mizzi. L-ispezzjoni seħħet fit-22 ta' Novembru 2007.

Xehed is-Sur Malcolm Micallef li spjega li ried ikun hemm designated area għal min ipejjep u jrid ikun hemm tliet naħat miftuħin.

Xehed ukoll li s-Sur Malcolm Vella Haber li qal li bħala responsible person kien sab lill-appellat (fol 19). Faċċata tal-main door kien hemm tinda jew struttura temporanja u fiha sabu xi persuni jpejpu. L-istruttura ma kenitx designated 'a smoking area'. Is-seating kien abrra mill-premises. Huma kienu raw waiters deħlin u ħerġin bejn il-ħanut u t-tinda.

Xehed ukoll Aaron Simpson li qal li fejn kien qed siri it-tipjip kienet qisha kaxxa magħluqa. Huwa qal li kien hemm in-neis ipejpu u peress li l-appelalt kien hemmhekk kienu ħadu passi legali kontra tiegħu. (fol 23).

Kienu ppreżentati wkoll xi ritratti tat-tinda in kwistjoni.

Xehed l-appellat ukoll li qal li hwua kien biss part timer filwaqt li kien hemm erba' waiters oħra, wieħed minnhom

full timer u kienu tkellmu ma' kulħadd u mhxu miegħu biss. (fol 32).

Skont is-sentenza appellata:

'Mix-xhieda tal-imputat jirriżulta li huwa impjegat biss bħala part time waiter u ċertament ma kienx il-persuna responsabbli għall-istabbiliment. Huwa informa lill-Qorti illi huwa lanqas biss għadu jaħdem hemm.' (fol 35).

Il-Qorti eżaminat ir-regolament 2 tal-Avviż Legali 414 tas-sena 2004 li barra milli jagħti d-definizzjoni ta' 'persuna responsabbli' jagħti wkoll id-definizzjoni ta' 'impjegat', ta' 'prinċipal' u ta' 'zona fejn isir ix-xogħol'. Dawn huma d-definizzjonijiet:

'impjegat' tfisser kull persuna impjegata minn prinċipal';

'persuna responsabbli' tfisser kull persuna illi hija fl-aħħar mill-aħħar responsabbli għal xi stabbiliment li dwar u japplikaw dawn ir-regolamenti u għandha tinkludi lil kull persuna li tkun qed taġixxi f'ismu u lil kull prinċipal.'

'prinċipal' tfisser persuna li timpjega persuna waħda jew aktar u tinkludi lill-persuna li fl-aħħar mill-aħħar tkun inkarigata minn xi post.'

'zona fejn isir ix-xogħol' tfisser kull spazju fuq ġewwa jew spazju ieħor fil-magħluq fejn l-impjegati jwettqu xogħlhom bħala impjegati, u tinkludi kull kuridur adjaġenti, lobby, tromba tat-taraġ, elevator, lift, kafeteria, kamra fejn isir il-ħasil jew zona oħra komuni li fiha jidħlu dawk l-impjegati waqt li jkunu qegħdin fuq xogħolhom.'

L-Att prinċipali, jiġifieri it-'Tobacco (Smoking Control) Act', għandu artikolu speċifiku dwar meta r-reat isir minn soċjeta' jew assoċjazzjoni jew xi korp ta' persuni ieħor.

'17. Meta reat taħt jew kontra xi disposizzjoni ta' dan l-Att jiġi kommess minn kumpannija jew assoċjazzjoni jew xi korp ieħor ta' persuni jew enti morali stabbilit bil-liġi, kull min fiż-żmien tat-twettiq tar-reat kien direttur, manager,

segretarju jew uffiċjal simili ieħor ta' din il-kumpannija, assoċjazzjoni jew korp ieħor ta' persuni jew enti morali stabbilit bil-liġi jew ta x'wieħed jifhem li kien qiegħed jaġixxi f'xi kapaċità bħal din, għandu jitqies li hu ħati ta' dak ir-reat sakemm huwa ma jġibx prova li r-reat twettaq mingħajr ma huwa kien jaf u li huwa kien għamel kull ma seta' biex iżomm milli jitwettaq ir-reat.'

L-Avukat Ġenerali jissottometti li l-appellat bħala part time waiter kien qed jaġixxi f'isem il-persuna responsabbli għaliex qed jaqdi lill-klijenti. Fil-fehma tal-Qorti, normalment kull impjegat ikun qed iwettaq dmiru skont ir-responsabiltajiet li jkunu assenjati lilu. Meta wieħed ikun impjegat huwa marbut li jagħmel ix-xogħol li jaqa' fil-parametri tal-kuntratt tiegħu u jrid jimxi mal-ordnijiet li jingħata. Ma jfissirx li l-impjegat, qiegħed fejn qiegħed u hu min hu, jista' jaqbad u jagħti l-ordnijiet ta' kif jitmexxa l-post tax-xogħol minn fejn huwa qed jaqla' l-ħobża ta' kull jum.

Dan kollu ma jfissirx li kull impjegat qed jaġixxi f'isem il-persuna responsabbli. Il-persuna responsabbli tkun jew is-sid jew il-manager jew il-prinċipal jew xi ħadd li ngħata l-mandat minn wieħed minn dawn biex jeġġistixxi l-istabbilliment u għalhekk dan ikun qed jaġixxi f'isem il-persuna responsabbli. Dan tal-aħħar, jiġifieri l-mandat, jista' jsir ai termini tal-artikolu 1857 (2) tal-Kap 16. U ma jgħoddx sempliċiment dak li qal l-impjegat li kien qed jagħmel iżda l-mansjoni ta' persuna responsabbli trid tirriżulta b'dokumentazzjoni jew b'kull prova diretta oħra li turi biċ-ċar li 'A' qed tassew qed jaġixxi f'isem 'B.' Aktar u aktar meta wieħed iqis (i) dak li jipprovdi l-Att nnifsu għal meta l-istabbiliment ikun ġestit minn kumpannija u (ii) r–regolamenti fl-Avviż Legali 414 tas-sena 2004 li jagħtu wkoll definizzjoni il-kelma 'prinċipal'. Id-dispożizzjoni msemmija fl-Att kif ukoll id-definizzjoni ta' 'prinċipal' ikomplu juru kif il-Leġislatur kellu f'moħħu mhux lill-ħaddiem (sakemm dan ma jkollux mandat ċar biex imexxi l-istabbiliment u mhux jaqdi lill-klijenti ) **iżda lil min qed tassew imexxi n-negozju.**

Il-fatt li waiter qed jieħu l-ordnijiet u jqassam l-ikel ma jfissirx li huwa qiegħed jaġixxi f'isem il-persuna responsabbli li isimha jidher ċar fuq id-dokument esibit.

Jidher ċar mir-regolamenti li l-impjegati f'zoni fil-magħluq privat jew pubbliku jew f'xi zona fejn isir ix-xogħol ma jistgħux ipejpu. Filfatt fir-regolamenti kollha l-kelma 'impjegati' tidher biss fid-definizzjoni ta' 'żona fejn isir ix-xogħol' u f'ebda regolament ieħor. Iżda din ma tbiddilx lil min qed jaħdem ta' waiter fil-'persuna responsabbli' skont id-definizzjoni li tidher fir-regolamenti. Fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti il-waiter kien wieħed part time. Ma jistax wieħed jistenna li l-part time waiter isir 'il-persuna responsabbli' jew il-persuna li qed taġixxi f'ismu - *multo magis* meta fl-istess stabbiliment kien hemm waiter impjegat full time.

Lanqas ma hija valida s-sottomissjoni li għax il-prinċipal ma jkunx fuq il-post, allura l-impjegat isir il-persuna responsabbli u dan għax qed jaqdi l-ordnijiet li ngħatawlu. Id-definizzjoni ta' 'persuna responsabbli' ma twaddabx ir-responsabilita' fuq l-impjegat.

**Konklużjoni**

Għar-raġunijiet kollha mogħtija hawn fuq, il-Qorti qed tiċħad l-appell tal-Avukat Ġenerali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------